MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta' Settembru 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Lara Butters)**

**Vs**

**Nyagblondjro Gifa**
**(Numru tal-Pulizija 19II-012)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Nyagblondjro Gifa** li ġiet imressqa quddiemha akkużata talli fit-23 ta' Settembru, 2020 u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Użat jew kellha fil-pussess tagħha xi passaport, li hi kienet taf li ġie ffalsifikati, imbiddlin jew li saru xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);
2. Għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);
3. Mingħajr awtorità leġittima użat jew kellha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatha żmien tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha u spjegatilha l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi li l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħda tinstab ħatja l-imputata, il-fedina penali tagħha, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha.

Il-Qorti semgħet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputata għandha tarbija u li għalkemm saru diversi tentattivi mal-Aġenzija AWAS u mal-Aġenzija Appoġġ biex l-istess tarbija jinstabilha akkomodazzjoni alternattiva, dawn ma offrew l-ebda soluzzjoni tant li l-istess tarbija għadha qiegħda tinżamm mill-Pulizija.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, għalkemm f'ċirkostanzi simili huwa solitu li tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva, tqis illi f'dan il-każ għandha tapplika piena ta' priġunerija sospiża.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata **Nyagblondjro Gifa** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiġi sospiża għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħatja, permezz tat-traduttur, dwar il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur